Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Dustin Cilia

Vs

Robert Galea – Arcade

CCT 103/23/MM

Illum, 31 ta' Diembru 2024

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023 fejn talab is-somma ta' tlett elef mija u erbgħatax il-ewro u erbghin centezmu (€3,114.40), rappreżentanti l-valur ta' laptop li r-rikorrent ta' lill-intimat għat-tiswija u ġie ritornat lilu mksisser u b'xi parts mibdulin.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti talab lill-intimat sabiex jirranġalu laptop li kien bil-ħsara. Illi r-rikorrent għadda żewġ pagamenti ta' erba' mija u hamsin ewro (€450), u ieħor ta' mitt ewro (€100). Illi r-rikorrenti jispjega li meta ntebaħ li l-intimat ma kienx f'pożizzjoni li jsewwi l-laptop huwa talbu l-flus lura u talbu jirritorna l-laptop. Ir-rikorrenti jkompli jispjega li għamel xhur jiġri wara l-intimat biex jirritorna l-laptop u kien sar ftit progress meta kien għamel rapport għand il-pulizija. Ir-rikorrenti

jisġjega li l-intimat kien irrifondih is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), iżda rrifjuta li jirrifondih is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150). Illi r-rikorrenti jgħid li meta finalment l-intimat irritorna l-laptop huwa ntebaħ li kien fi stat ħafna agħar milli kien meta ħadu għand l-intimat u sussegwentement induna li xi parts tal-laptop ġew mibdula b'oħrajn ta' kwalita inferjuri.

Illi l-intimat jirrispondi u jgħid li għamel minn kollox biex isewwi l-laptop iżda meta ra li ma kienx ta' jdejh kien ħadu għand terzi. Illi l-intimat isostni li r-rikorrenti kien konsapevoli ta' dan il-fatt. Illi huwa jsostni li l-ħsarat jistaw ikunu dovuti għall-terzi persuni li poruvaw isewwu l-laptop qabel ma dan l-istess laptop ġie f'idejh. Illi l-intimat jispjega li d-dewmien biex jirritorna l-laptop huwa dovut għall-fatt li hu kien pprova jbiegħ il-laptop difettuż tar-rikorrent u wara li jġib l-aħjar prezz għar-rikorrenti jgħinu jakkwista laptop ġdid tal-marka Appel. Illi l-intimat jistqarr li huwa lest iħallas lura il-mija u ħamsin ewro (€150) li tħallas iżda mhux lest jagħmel tajjeb għall-ħsarat li m'għamilx u li f'kull każ, l-ammont pretiż huwa esaġerat.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia"**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u*

specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li hemm diversi kontradizzjonijiet fil-verżjoni tal-intimat li jnaqqsu mill-kredibilita tiegħu. Illi fil-bidu tal-affidavt l-intimat jispjega li b'rispett ta' missier ir-rikorrent ma kienx ser iżommu flus ta' xogħolu iżda aktar tard fl-istess affidavit jiddikjara li arbitjarjament kien iddeċieda li jżomm għalih u ma jirrifondix is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) bħala kumpens għal xogħolu. Illi f'okkażjoni oħra huwa jgħid li l-laptop kien daħal għandu għall-upgrade minn Windows 10 għal Windows 11, iżda l-korrispondenza turi li l-laptop daħal għandu għax kien bil-ħsara. Illi fil-fehma tat-Tribunal l-intimat naqas ukoll li jiġġustifika kif u għaliex huwa rritorna l-laptop lir-rikorrenti f'qagħda iżjed ħażina milli daħal għandu, fatt li ċertament huwa indipendenti u jxejjen il-verżjoni tiegħu li l-laptop kien għadda minn idejn oħra qablu u li dawn it-terzi kienu responsabbli għall-ħsara fil-laptop.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li minkejja li saret referenza għall-proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat dwar l-allegati ħsarat u tbagħbis mal-laptop u li allegatament kien hemm sejbien ta' ħtija, fl-atti m'hemm l-ebda evidenza formali ta' din is-sentenza iżda hemm biss kopja li m'hijiex 'true copy' ċertifikata skont il-liġi jew konfermata bil-ġurament minn xhud in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Qorti Kriminali. Illi pero' t-Tribunal jinnota li fl-affidavit tiegħu l-intimat jagħmel ukoll referenza għall-dawn il-proċeduri kriminali iżda hu jinsisti li m'għandhomx x'jaqsmu ma dawn il-proċeduri ċivili u li t-Tribunal m'għandux jieħu kont tagħhom.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' l-partijiet bil-ġurament u jidhirlu li l-verżjoni tar-rikorrenti għandha mis-sewwa u hija aktar ġenwina u plawsibbli. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti rnexxilu jipprova l-kawża tiegħu sal-grad li trid il-liġi u għalhekk mhux se jaċċetta bħala leġittimu u ġustifikat id-difiża tal-intimat. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrent issodisfa l-oneru tal-prova dwar il-mertu.

Illi finalment jifdal il-likwidazzjoni tad-danni. Illi dan it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mir-rikorrent ma ġiex spjegat jew sostanzjat biżejjed. Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqas milli jissostanzja jew jispjega kif wasal għall-ammont mitlub minnu bi provi konkreti. Kien jispetta lir-rikorrenti iresssq provi tajbin u suffiċjenti bħal l-irċevuta tal-laptop biex jiġi stabbilit il-prezz oriġinali tiegħu u d-data tal-maniffatura u sabiex jiġi żgurat li l-quotation mingħand il-ħanut Intercomp biex jissewwa l-laptop hija ġusta u kompatibbli mal-laptop tar-rikorrenti. Illi fuq kollox it-Tribunal qiegħad jikkunsidra li l-laptop ġa kien bil-ħsara tant li wara li jissewwa kien ser jinbiegħ bħala second hand.

Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elf mitejn u wieħed u tmenin ewro (€1281) li hija ibbażata fuq l-istima globali tal-parts mogħtijja mill-intimat stess fl-affidavit tiegħu fl-ammont ta' (€854), b'żieda ta' 50% biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja.

Deċiżjoni

Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' parzjalment it-talba rikorrenti.

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u wieħed u tmenin ewro (€1281) fi żmien ġimgħa mil-lum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru